MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 1675/2005

**Publius sive Leo Said**

**Vs**

**Dunston Muscat u b'digriet tat-30 ta' Novembru 2005 gie kjamat Gordon Dalli**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta' Awissu 2005 li permezz tieghu l-attur qed jitlob lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut Dunston Muscat ihallas lill-attur s-somma ta' tlett mija u tmenin Liri Maltin (Lm380.00) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur fil-vettura propjeta` tieghu Hyundai Excel bin-numru ta' registrazzjoni BBA 317 bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh nhar il-10 ta' Awissu 2004, gewwa Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar, bejn il-vettura propjeta`

ta’ l-attur u l-vettura tal-marka Renault Megane bin-numru ta’ registrazzjoni FBO 429 propjeta` tal-konvenut u fil-hin ta’ l-incident misjuqa mill-konvenut, liema incident sehh unikament b’rizultat ta’ traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta’ l-ittra legali tas-7 ta’ Lulju 2005 u ta’ l-ittra ufficcjali tat-8 ta’ Awissu 2005, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut ngunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut tat-13 ta’ Settembru 2005 li permezz taghha huwa ecepixxa illi :

1) L-incident de quo ma garax minhabba traskuragni, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut stante illi l-kawza prossima tal-incident kienet il-manuvra traskurata, negligenti u illegali tax-xufier tal-karozza tal-linja bin-numru tar-registrazzjoni KCY – 853 li baqa hiereg minn fuq ‘stop sign’ ghal got-triq principali li minnha kien ghaddej il-konvenut u ghalhekk il-konvenut m’ghandux tort ghall-incident de quo.

2) Illi ghalhekk ukoll ma hemmx danni x’jigu likwidati favur l-attur. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-attur ghandu jgib prova tad-danni pretizi minnu.

3) Illi inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ danni.

4) Illi salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi u bl-ispejjez kontra l-attur.

Sema x-xhieda ta’ Charles Dalli moghtija fl-20 ta’ Ottubru 2005 u fit-30 ta’ Novembru 2005 ;

Ra d-digriet tat-30 ta’ Novembru 2005 li permezz tieghu gie kjamat in kawza Gordon Dalli ;

Ra r-risposta ta’ Gordon Dalli tal-14 ta’ Lulju 2006 fejn gie eccepit illi fl-ewwel lok dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma` dan il-kaz u fit-tieni lok u minghajr pregudizzju, illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sehhx ghal ragunijiet mputabbli lill-kjamat in kawza li huwa estraneju ghall-incident de quo.

Ra illi l-kawza thalliet ghat-3 ta’ Novembru 2006 sabiex tigi trattata l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat in kawza Gordon Dalli.

Sema’ t-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta appuntu tat-3 ta’ Novembru 2006 u ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi l-Avviz tat-Talba gie pprezentat fit-22 ta’ Awissu 2005.

Illi fl-1 ta’ Awissu 2005 dahhlu fis-sehh ir-regolamenti tal-2005 dwar Emenda Ghar-Raba’ Skeda li tinsab ma’ l-Att dwar l-Arbitragg, u li fost ohrajn kienu jistipulaw illi kull tilwima civili jew kummercjali li ma’ tkunx wahda li jkollha x’taqsam ma’ talba ghal danni ghal hsara fil-persuna, li tkun tilwima li torigina minn kollizzjoni bejn vetturi, ghandha tigi determinata b’Arbitragg.

Illi allura meta l-Avviz de quo gie ntavolat quddiem dan it-Tribunal fit-22 ta’ Awissu 2005, it-Tribunal ma kellux gurisdizzjoni illi jisma’ dan il-kaz.

Illi ghalkemm dan il-punt seta` gie sollevat mit-Tribunal ex officio ai termini ta’ l-Artikolu 774 tal-Kap 12, dan ma sarx u allura qed jigi deciz dan il-punt issa in segwitu ghall-ewwel eccezzjoni tal-kjamat in kawza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara illi ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat in kawza u filwaqt illi jiddikjara l-inkompetenza tieghu illi jittratta u jiddetermina din il-pendenza, jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza.

Bl-ispejjes ta’ l-istanti kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------